# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar l-5 ta' Ottubru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 131/2022 CL

**National Insurance Brokers Ltd (C84564)**

**VERSUS**

**AQ Group Ltd (C57060)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-10 ta' Mejju, 2022 fejn s-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tigi iddikjarata li hija debitur tas-socjeta attrici u ikkundanata thallas is-somma ta' elf disa' mija u euro u wiehed u tnejn u tletin centezmu (€1,901.32). Dan l-ammont kien dovut wara li s-socjeta attrici offriet servizz ta' hrug ta' polza ta' assigurazzjoni u licenzja ta' vettura piu servizzi ohra ancillari, moghtija lill-intimat fuq ordni tieghu stess. Minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-ammont pendenti baqghet inadempjenti. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta li kienet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, is-socjeta konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma dehret personalment (jew tramite rapprezentant taghha) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokument anness mat-talba;

Ra illi fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2022, it-Tribunal kien innota li s-socjeta konvenuta kienet notifikata fis-26 ta' Mejju 2022, izda la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha biex issehh kontestazzjoni tat-talba tas-socjeta attrici. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tal 4 ta' Lulju 2022, gie ipprezentant kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Fis-seduta ta' wara, li kienet fit-28 ta' Settembru 2022, ma deher hadd ghas-socjeta konvenuta. Peress li l-konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu, fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."*

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf disa' mija u euro u tnejn u tletin centezmu (€1,901.32) bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tat-talba sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**